

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B****REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/110**

tas-27 ta' Jannar 2022

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022

(ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023	L 28	220	31.1.2023

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 108, 7.4.2022, p. 68 (2022/110)



REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/110

tas-27 ta' Jannar 2022

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022

TITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:

- (a) is-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), il-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(b);
- (b) il-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Baħar Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(c);
- (c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);
- (d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);
- (e) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija kif iddefinit fl-Artikolu 4(e), fil-Baħar Jonju kif iddefinit fl-Artikolu 4(f) u fil-Baħar Levantin kif iddefinit fl-Artikolu 4(g);
- (f) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(h);
- (g) il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed, kif iddefinit fl-Artikolu 4(i).

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissejma b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

▼B*Artikolu 3***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “ilmijiet internazzjonali” tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tal-ebda Stat;
- (b) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;
- (c) “qabda totali permissibbli” (TAC) tfisser:
 - (i) fil-każ tal-attivitajiet tas-sajd li għalihom tapplika l-eżenzjoni mill-obbligu ta' hant l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ammont ta' ħut li jista' jinhant l-art minn kull stokk kull sena;
 - (ii) fil-każ tal-attivitajiet l-oħrajn kollha tas-sajd, l-ammont ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk fuq perijodu ta' sena;
- (d) “kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;
- (e) “kwota awtonoma tal-Unjoni” tfisser limitu tal-qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni meta ma jkunx hemm qbil dwar TAC;
- (f) “kwota analitika” tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;
- (g) “valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li r-rieżami xjentifiku jkun indika li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qabdiet fil-ġejjieni;
- (h) “irkaptu biex jinġemal-ħut” (FAD) tfisser kull tagħmir ankrat li jżomm fil-wiċċ tal-baħar bl-iskop li jattira l-ħut”.

*Artikolu 4***Żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

- (a) “is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM” tfisser iż-żoni ddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (b) “il-Baħar Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (c) “il-Punent tal-Baħar Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

▼B

- (d) “il-Baħar Adrijatiku” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (e) “l-Istrett ta’ Sqallija” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16, tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (f) “il-Baħar Jonju” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (g) “il-Baħar Levantin” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (h) “il-Baħar Alboran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 3 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (i) “il-Baħar l-Iswed” tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

KAPITOLU I

Il-Baħar Mediterran*Artikolu 5***Sallura Ewropea**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqdbu s-sallura Ewropea (*Anguilla anguilla*), jiġifieri sajd immirat, inkidentalment u rikreattiv, fl-ilmijiet kollha tal-Mediterran, inkluż l-ilmijiet ħelwin u salmastri ta’ tranżizzjoni, bħal laguni u estwarji.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għas-sallura Ewropea fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tal-Mediterran għal perijodu ta’ tliet xhur konsekuttivi li kull Stat Membru jrid jistabbilixxi. Il-perijodu magħluq għas-sajd għandu jkun konsistenti mal-oġġettivi ta’ konservazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, mal-pjanijiet nazzjonali ta’ ġestjoni li jkunu fis-seħħ u max-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallura Ewropea fl-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-perijodu stabbilit sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma jidħol fis-seħħ il-perijodu magħluq għas-sajd u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Jannar 2022.

3. L-Istati Membri ma għandhomx jaqbz u l-livell massimu ta’ qabdiet jew ta’ sforz tas-sajd tas-sallura Ewropea stabbiliti u implimentati permezz tal-pjanijiet ta’ ġestjoni nazzjonali tagħhom, adottati f’konformità mal-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007.

▼B

*Artikolu 6***Qroll aħmar**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-ħsad tal-qroll aħmar (*Corallium rubrum*), jiġifieri sajd immirat u rikreattiv fil-Mediterran.
2. Għas-sajd immirat, in-numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi ta' stokkijiet tal-qroll aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u l-attivitajiet ta' ħsad tal-Unjoni ma għandhomx jaqbu l-livelli stabbiliti fl-Anness I.
3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma soġġetti għall-paragrafu 2 għandhom ikunu pprojbiti milli jittrasbordaw qroll aħmar fuq il-baħar.
4. Għas-sajd rikreattiv, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu l-qabda u ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art tal-qroll aħmar.

*Artikolu 7***Lampuka**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kummerċjali kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu sabiex jinġemal-ħut għall-qbid tal-lampuki (*Coryphaena hippurus*), fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.
2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għal-lampuki huwa stabbilit fl-Anness II.

*KAPITOLU II****Il-Punent tal-Baħar Mediterran****Artikolu 8***Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022, fil-Punent tal-Baħar Mediterran.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u l-bastimenti tas-sajd bil-konz huwa stipulat fl-Anness III għal dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022.
3. L-allokazzjoni fost l-Istati Membri tal-limiti massimi tal-qbid għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Punent tal-Baħar Mediterran hija stipulata fl-Anness III.
4. Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd:
 - (a) L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri, kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandha tkun f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

▼B

- (b) L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:
- l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - hant l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew ittrasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 9***Trażmissjoni tad-data**

L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-data dwar l-isforz tas-sajd u jibagħtuha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

Meta tiġi sottomessa d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness III.

*KAPITOLU III****Il-Baħar Adrijatiku****Artikolu 10***Stokkijiet pelaġiċi żgħar**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-qbid tas-sardina (*Sardina pilchardus*) u tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fil-Baħar Adrijatiku.
2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness IV.
3. Il-kapaċità massima tal-flotta, espressa f'kW, GT u l-ġhadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar huwa stabbilit fl-Anness IV.

*Artikolu 11***Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ**

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbdu l-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku.

▼B

2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli u l-kapaċità massima tal-flotta għall-istokkijiet ta' ħut tal-qieġh fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness IV.

3. Stat Membru jista' jemenda l-allokazzjoni tal-isforz tas-sajd tiegħu kif stabbilita fl-Anness IV billi jittrasferixxi l-jiem tas-sajd minn grupp ta' sforz tas-sajd għal ieħor fl-istess żona ġeografika u/jew irkapti, dment li japplika fattur ta' konverżjoni nazzjonali li jkun appoġġat mill-aqwa parir xjentifiku disponibbli.

4. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 12***Trażmissjoni tad-data**

Meta l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni d-data marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu qabdu skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness IV.

*KAPITOLU IV****Il-Baħar Jonju, il-Baħar Levantin u l-Fliegu ta' Sqallija****Artikolu 13*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), fil-Baħar Jonju, fil-Baħar Levantin u fil-Fliegu ta' Sqallija.

2. In-numru massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qieġh awtorizzati jistadu għall-istokkijiet ta' ħut tal-qieġh huwa stipulat fl-Anness V.

*KAPITOLU V****Il-Baħar Alboran****Artikolu 14*

1. Dan l-Artikolu japplika għas-sajd kummerċjali bil-konz u bix-xlief minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran.

2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.



KAPITOLU VI

Il-Baħar l-Iswed

Artikolu 15

Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqdbu l-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa kaħla, l-allokazzjoni tat-tali kwota fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VII.

Artikolu 16

Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqdbu l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.

2. It-TAC għall-barbun imperjali applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed u l-allokazzjoni tat-tali TAC fost l-Istati Membri, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VII.

Artikolu 17

Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-barbun imperjali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16 ma għandhomx jistadu għal aktar minn 180 jum ta' sajd fis-sena, irrispettivament mit-tul totali tagħhom.

Artikolu 18

Perijodu ta' għeluq tas-sajd għall-barbun imperjali

Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kull attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, ħatt l-art u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali, fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 15 u 16 ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-affarijiet li ġejjin:

- (a) l-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

▼B

(b) it-tnaqqis u għar-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u

(c) it-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 20***Trażmissjoni tad-data**

Meta l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni d-data marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċa kaħla u tal-barbun imperjali li jkunu qabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness VII.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 21***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNEX I

**OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD
TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-PJAN TA' ĠESTJONI
PLURIENNALI TAL-KUMMISSJONI ĠENERALI TAS-SAJD GĦALL-
MEDITERRAN GĦALL-QROLL AĦMAR FIL-BAĦAR MEDITERRAN**

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu permissibbli ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi (GSAs) tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM).

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Corallium rubrum</i>	COL	Qroll aħmar

Tabella 1.

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd ⁽¹⁾

Stati Membri	Qroll aħmar COL
Greċja	12
Spanja	0 ⁽²⁾
Franza	32
Kroazja	28
Italja	40

Tabella 2.

Il-livell massimu ta' kwantitajiet maħsuda espressi f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Qroll aħmar <i>Corallium rubrum</i>	Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni fil-Baħar Mediterran - subżoni ġeografiċi 1-27 COL/GF1-27
Greċja	1,844	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
Spanja	0 ⁽²⁾	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.
Franza	1,400	
Kroazja	1,226	
Italja	1,378	
Unjoni	5,848	
TAC	Mhix rilevanti/Ma hemmx qbil dwarha	

⁽¹⁾ Li jirrappreżenta l-għadd ta' bastimenti u/jew bugħaddasa, jew l-abbinament ta' għaddas wieħed ma' bastiment wieħed, awtorizzati biex jaħsdu l-qroll aħmar.

⁽²⁾ Skont il-projbizzjoni temporanja għas-sajd tal-qroll aħmar stabbilit fl-ilmijiet Spanjoli.



ANNEX II

**L-ISFORZ TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI
FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET TAL-LAMPUKA
FIL-BAĦAR MEDITERRAN**

It-tabella f'dan l-Anness tistabbilixxi l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati li jistadu għal-lampuki fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għall-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Coryphaena hippurus</i>	DOL	Lampuka

Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti li joperaw f'ilmijiet internazzjonali ⁽¹⁾

Stat Membru	Lampuka DOL
Italja	797
Malta	130

⁽¹⁾ Din il-kwota tista' tiġi mistada biss bejn il-15 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru 2022 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.



ANNEX III

**L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD
TAL-UNJONI FIL-KUNTEST TAL-ĠESTJONI TAL-ISTOKKIJIET
TAL-ĦUT TAL-QIEGĦ FIL-PUNENT TAL-BAĦAR MEDITERRAN**

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-isforz tas-sajd massimu permissibbli (f'jiem tas-sajd) skont il-gruppi tal-istokkijiet, kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1022, il-limiti massimi tal-qbid u t-tul globali tal-bastimenti tat-tkarkir kollha ⁽¹⁾ u għall-konzijiet tal-qiegħ li jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran.

L-opportunitajiet tas-sajd kollha stabbiliti f'dan l-Anness għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1022 u fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaġ-ĠSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Aristaeomorpha foliacea</i>	ARS	Gamblu aħmar kbir
<i>Aristeus antennatus</i>	ARA	Gamblu blu u aħmar
<i>Merluccius merluccius</i>	HKE	Merluzz
<i>Mullus barbatus</i>	MUT	Trilja tal-ħama
<i>Nephrops norvegicus</i>	NEP	Skampu
<i>Parapenaeus longirostris</i>	DPS	Gamblu abjad

⁽¹⁾ TBB, OTB, PTB, TBN, TBS, TB, OTM, PTM, TMS, TM, OTT, OT, PT, TX, OTP, TSP.

▼B

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'jiem tas-sajd

- (a) Bastimenti tat-tkarkir fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7) ⁽²⁾

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 1, 5, 6 u 7; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 1, 5 u 6; l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 5 u 6.	< 12 m	1 921	0	0	EFF1/MED1_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	20 641	0	0	EFF1/MED1_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	38 728	4 372	0	EFF1/MED1_TR3
	≥ 24 metru	13 640	5 320	0	EFF1/MED1_TR4

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-gamblu blu u aħmar fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6 u 7.	< 12 m	0	0	0	EFF2/MED1_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	968	0	0	EFF2/MED1_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	9 805	0	0	EFF2/MED1_TR3
	≥ 24 metru	7 871	0	0	EFF2/MED1_TR4

- ⁽²⁾ ► **M1** Minbarra l-isforz tas-sajd massimu permissibbli msemmi hawn fuq għall-bastimenti tat-tkarkir, Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allokkazzjoni addizzjonali ta' jiem tas-sajd fi 2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd ta' dak l-Istat Membru għas-segment tal-flotta kkonċernat, dment li:

- (a) daww il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 45 mm sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-merluzz; jew
- (b) daww il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 50 mm għas-sajd fil-baħar fond sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu blu u aħmar b'CL ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11, kif ukoll biex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu aħmar kbir b'CL ta' inqas minn 35 mm fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; jew
- (c) daww il-bastimenti jużaw irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STEFCF, f'mill-inqas tnaqqis ta' 25 % tal-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew mill-inqas 20 % tal-qabdiet tal-ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020; jew
- (d) l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta żoni ta' għeluq temporanji sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew b'mill-inqas 20 % l-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarrarf lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati minn tali allokkazzjoni addizzjonali tal-jiem tas-sajd, kif ukoll bl-għadd relatat ta' jiem addizzjonali tas-sajd.

Kull xahar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarrarf ukoll lill-Kummissjoni bl-isforz implimentat biex jinqata' minn dik l-allokkazzjoni addizzjonali, bl-użu tal-kodiċijiet speċifiċi tar-rappurtar għal dik l-allokkazzjoni (EFF1/MED1_TR1_AA, EFF1/MED1_TR2_AA, EFF1/MED1_TR3_AA, EFF1/MED1_TR4_AA u EFF2/MED1_TR1_AA, EFF2/MED1_TR2_AA, EFF2/MED1_TR3_AA, EFF2/MED1_TR4_AA).

L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-informazzjoni disponibbli relatata mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d).

Mill-1 ta' Jannar 2022, it-2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd għandu jiġi kkalkulat mill-allokkazzjoni tal-isforz massimu permess tas-segment rilevanti tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat. ◀

▼B

- (b) Bastimenti tat-tkarkir fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tiren u fil-gżira ta' Sardinja (subżoni ġeografiċi 8-9-10-11) ⁽³⁾

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; il-gamblu abjad fis-subżoni ġeografiċi 9, 10 u 11; l-iskampu fis-subżoni ġeografiċi 9 u 10.	< 12 m	0	177	2 534	EFF1/MED2_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	0	709	38 110	EFF1/MED2_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	0	177	25 629	EFF1/MED2_TR3
	≥ 24 metru	0	177	3 421	EFF1/MED2_TR4

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
Il-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11.	< 12 m	0	0	419	EFF2/MED2_TR1
	≥ 12 m u < 18 m	0	0	3 091	EFF2/MED2_TR2
	≥ 18 m u < 24 m	0	0	2 489	EFF2/MED2_TR3
	≥ 24 metru	0	0	333	EFF2/MED2_TR4

- (c) Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleari, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7)

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6 u 7; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6 u 7	< 12 m	9 433	6 432	0	EFF1/MED1_LL1
	≥ 12 m u < 18 m	2 148	93	0	EFF1/MED1_LL2
	≥ 18 m u < 24 m	74	0	0	EFF1/MED1_LL3
	≥ 24 metru	29	0	0	EFF1/MED1_LL4

- ⁽³⁾ ► **M1** Minbarra l-isforz tas-sajd massimu permissibbli msemmi hawn fuq għall-bastimenti tat-tkarkir, Stat Membru jista' jagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu allo-kazzjoni addizzjonali ta' jiemi tas-sajd fi 2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd ta' dak l-Istat Membru għas-segment tal-flotta kkonċernat.

Stat Membru jista' jagħmel dan, dment li:

- dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra ta' 45 mm sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-merluzz; jew
- dawk il-bastimenti jużaw xibka tat-tkarkir b'manka b'malja kwadra 50 mm għas-sajd fil-baħar fond sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu blu u aħmar b'CL ta' inqas minn 25 mm fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 u biex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' gamblu aħmar kbir b'CL ta' inqas minn 35 mm fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; jew
- dawk il-bastimenti jużaw irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku mill-STEFCF, f'mill-inqas tnaqqis ta' 25 % tal-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew ta' mill-inqas 20 % tal-qabdiet tal-ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha meta mqabbla mal-2020; jew
- l-Istat Membru kkonċernat ikun adotta żoni ta' għeluq temporanji sabiex inaqqsu b'mill-inqas 25 % l-qabdiet ta' frieħ tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha jew b'mill-inqas 20 % l-qabdiet ta' ħut riproduttiv tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati minn tali allo-kazzjoni addizzjonali tal-jiemi tas-sajd, kif ukoll bl-għadd relatat ta' jiemi addizzjonali tas-sajd.

Kull xahar, l-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf ukoll lill-Kummissjoni bl-isforz implimentat biex jinqata' minn dik l-allo-kazzjoni addizzjonali, bl-użu tal-kodiċijiet speċifiċi tar-rappurtar għal dik l-allo-kazzjoni (EFF1/MED2_TR1_AA, EFF1/MED2_TR2_AA, EFF1/MED2_TR3_AA, EFF1/MED2_TR4_AA u EFF2/MED2_TR1_AA, EFF2/MED2_TR2_AA, EFF2/MED2_TR3_AA, EFF2/MED2_TR4_AA).

L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru, l-informazzjoni disponibbli relatata mal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (d).

Mill-1 ta' Jannar 2022, it-2 % kumplessiv tal-isforz tas-sajd għandu jiġi kkalkulat mill-allo-kazzjoni tal-isforz massimu permess tas-segment rilevanti tal-flotta tal-Istat Membru kkonċernat. ◀

▼B

- (d) Bastimenti tas-sajd bil-konz tal-ħut tal-qiegħ fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u f'Sardinja (subżoni ġeografiċi 8-9-10-11)

Grupp ta' stokkijiet	Tul totali tal-bastimenti	Spanja	Franza	Italja	Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd
It-trilja tal-ħama fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11; il-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11	< 12 m	0	1 650	33 187	EFF1/MED2_LL1
	≥ 12 m u < 18 m	0	51	4 748	EFF1/MED2_LL2
	≥ 18 m u < 24 m	0	0	26	EFF1/MED2_LL3
	≥ 24 metru	0	0	0	EFF1/MED2_LL4

Limitu massimu tal-qbid

- (e) opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Alboran, fil-Gżejjer Baleariċi, fit-Tramuntana ta' Spanja u fil-Golf tal-Iljuni (subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7) espress bħala livell massimu tal-qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	Gamblu blu u aħmar (<i>Aristeus antennatus</i>)	Żona:	subżoni ġeografiċi 1-2-5-6-7 (ARA/GF1-7)
Spanja	872		
Franza	56		
Italja	0		
Unjoni	928		
TAC	Mhix rilevanti	Il-livell massimu tal-qabdiet	

▼C1

- (f) Opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) u gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fil-Gżira ta' Korsika, fil-Baħar tal-Ligurja, fil-Baħar Tirren u fil-Gżira ta' Sardinja (subżoni ġeografiċi 8-9-10-11) espressi bħala livell massimu tal-qabdiet f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi::	Gamblu blu u aħmar (<i>Aristeus antennatus</i>)	Żona::	Subżoni ġeografiċi 8-9-10-11 (ARA/GF8-11)
Spanja	0		
Franza	9		
Italja	250		
Unjoni	259		
TAC	Mhix rilevanti	Il-livell massimu tal-qabdiet	

▼ C1

Speċi:	Gamblu aħmar kbir (<i>Aristaeomorpha foliacea</i>)	Żona::	Subżoni ġeografiċi 8-9-10-11 (ARS/GF8-11)
Spanja	0		
Franza	5		
Italja	365		
Unjoni	370		
TAC	Mhix rilevanti	Il-livell massimu tal-qabdiet	



ANNEX IV

**L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD
TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ADRIJATIKU**

It-tabelli mogħtija f'dan l-Anness jistabbilixxu l-opportunitajiet tas-sajd skont il-gruppi tal-istokkijiet jew il-gruppi ta' sforz tal-bastimenti u l-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, fejn ikun xieraq, inkluż in-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-pelaġiċi żgħar.

Għall-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Engraulis encrasicolus</i>	ANE	Inċova
<i>Merluccius merluccius</i>	HKE	Merluzz
<i>Mullus barbatus</i>	MUT	Trilja tal-ħama
<i>Nephrops norvegicus</i>	NEP	Skampu
<i>Parapenaeus longirostris</i>	DPS	Gamblu abjad
<i>Sardina pilchardus</i>	PIL	Sardina
<i>Solea solea</i>	SOL	Lingwata komuni

1. L-istokkijiet pelaġiċi żgħar – subżoni ġeografiċi 17 u 18

Il-livell massimu tal-qabdiet espress f'tunnellati ta' piż ħaj

Speċi:	L-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar (l-inċova u s-sardina) <i>Engraulis encrasicolus</i> u <i>Sardina pilchardus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM (SP1/GF1718)
Italja	35 394	(¹)	Il-livell massimu tal-qabdiet L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Kroazja	56 304		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
TAC	Mhix rilevanti		

(¹) Għas-Slovenja, il-kwantitajiet jissejsu fuq il-livell tal-qabdiet li kien hemm fl-2014 u ma għandhomx jaqbuż t-300 tunnellata.

Il-kapaċità massima tal-flotta ta' bastimenti tat-tkarkir u bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu b'mod attiv għal speċijiet pelaġiċi żgħar



Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Kroazja	PS	249	77 145,52	18 537,72
Italja	PTM-OTS-PS	685	134 556,7	25 852
Slovenja ⁽¹⁾	PS	4	433,7	38,5

⁽¹⁾ Id-dispożizzjoni taħt il-paragrafu 28 ta' GFCM/44/2020/20 ma għandhiex tapplika għall-flotot nazzjonali ta' inqas minn għaxar bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u/jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiċi li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet pelaġiċi żgħar, kif irreġistrat kemm fir-reġistru nazzjonali u f'dak tal-GFCM għall-2014. F'dak il-każ, il-kapaċità tal-flotta attiva tista' tiżdied b'mhux aktar minn 50 % tal-għadd ta' bastimenti u f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) u/jew tunnellaġġ reġistrat gross (GRT) u kW.

2. L-istokkijiet tal-ħut tal-qieġh – is-subżoni ġeografiċi 17 u 18

L-isforz massimu permissibbli tas-sajd (f'jiem tas-sajd) skont it-tipi ta' xbieki tat-tkarkir u s-segment tal-flotta li jistadu għal stokkijiet tal-ħut tal-qieġh fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku).

Tip ta' rkaptu	Żona ġeografika	Stokkijiet ikkonċernati	Tul totali tal-bastimenti	Kodiċi tal-grupp tal-isforz	Jiem tas-sajd 2022		
					ITALJA	KROAZJA	SLOVENJA ⁽¹⁾
Ix-xbieki tat-tkarkir (OTB)	Is-subżoni 17-18 tal-GFCM	Trilja tal-ħama; Merluzz; Gambli abjad, u skampu	< 12 m	EFF/MED3_OTB_TR1	3 521	10 388	
			≥ 12 m u < 24 m	EFF/MED3_OTB_TR2	79 139	24 202	
			≥ 24 metru	EFF/MED3_OTB_TR3	6 934	2 173	
Ix-xbieki tat-tkarkir bi travu (TBB)	Is-subżona 17 tal-GFCM	Lingwata komuni	< 12 m	EFF/MED3_TBB_TR1	200	0	
			≥ 12 m u < 24 m	EFF/MED3_TBB_TR2	3 747	0	
			≥ 24 metru	EFF/MED3_TBB_TR3	3 726	0	

⁽¹⁾ Is-Slovenja ma għandhiex taqbeż il-limitu tal-isforz ta' 3 000 jum tas-sajd fis-sena f'konformità mal-paragrafu 13 ta' GFCM/43/2019/5.

Il-kapaċità massima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir tal-qieġh u tal-bastimenti bi xbieki tat-tkarkir bi travu awtorizzati għas-sajd tal-istokkijiet tal-ħut tal-qieġh

Stat Membru	Irkaptu	Għadd ta' bastimenti	kW	GT
Kroazja	OTB	495	79 867,99	13 267,99
Italja	OTB-TBB	1 363	260 618,37	47 148
Slovenja (*)	OTB	11	1 813,00	168,67

(*) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 9(c) u 28 ta' GFCM/43/2019/5 ma għandhomx japplikaw għall-flotot nazzjonali li joperaw bl-OTB u li jistadu għal inqas minn 1 000 jum matul il-perijodu ta' referenza msemmi fil-paragrafu 9(c). Il-kapaċità tas-sajd tal-flotta attiva li topera bl-OTB ma għandhiex tiżdied b'aktar minn 50 % fir-rigward tal-perijodu ta' referenza.



ANNEX V

**L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD
TAL-UNJONI FIL-BAĦAR JONJU, FIL-BAĦAR LEVANTIN U
FIL-FLIEGU TA' SQALLIJA**

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Jonju, fil-Baħar Levantin u fil-Fliegu ta' Sqallija.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaġ-GSAs tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni tal-istokkijiet tal-ħut:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Aristaeomorpha foliacea</i>	ARS	Gamblu aħmar kbir
<i>Aristeus antennatus</i>	ARA	Gamblu blu u aħmar

- (a) Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu fil-Baħar Jonju (subżoni ġeografiċi 19-20-21)

Stat Membru	Gamblu aħmar kbir fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21	Gamblu blu u aħmar fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21
Greċja	263	263
Italja	410	410
Malta	15	15

- (b) Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu fil-Baħar Levantin (subżoni ġeografiċi 24-25-26-27)

Stat Membru	Gamblu aħmar kbir fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 24- 25-26-27	Gamblu blu u aħmar fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 24- 25-26-27
Italja	80	80
Ċipru	6	6

- (c) Għadd massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu fil-Fliegu ta' Sqallija (subżoni ġeografiċi 12-13-14-15-16)

Stat Membru	Gamblu aħmar kbir fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 12- 13-14-15-16	Gamblu blu u aħmar fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni ġeografiċi 12- 13-14-15-16
Spanja	2	2
Italja	320	320
Ċipru	1	1
Malta	15	15



ANNEX VI

L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIL-BAĦAR ALBORAN

Il-livell massimu tal-qabdiet li jsiru bil-konzijiet u bix-xlief espressi f'tunnellati ta' piż ħaġ

Speċi:	Paġella ħamra <i>Pagellus bogaraveo</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar Alboran - subżoni ġeografiċi 1-3 SBR/GF1-3
Spanja	225	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
Unjoni	225	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
TAC	Mhix rilevanti/Ma hemmx qbil dwarha		



ANNEX VII

**L-OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD
TAL-UNJONI FIL-BAĦAR L-ISWED**

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti, mogħtija f'tunnellati ta' piż ħaj, skont l-istokk u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Ir-referenza għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għas-subżoni ġeografiċi tal-GFCM.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, qed tingħata t-tabella komparattiva li geġja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
<i>Sprattus sprattus</i>	SPR	Laċċa kaħla
<i>Scophthalmus maximus</i>	TUR	Barbun imperjali

Speċi:	Laċċa kaħla <i>Sprattus sprattus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed - subżona ġeografika 29 (SPR/F3742C)
Bulgarija	8 032,50	Kwota analitika	
Rumanija	3 442,50	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
Unjoni	11 475	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	Mhix rilevanti/Ma hemmx qbil dwarha		

Speċi:	Barbun imperjali <i>Scophthalmus maximus</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed - subżona ġeografika 29 (TUR/F3742C)
Bulgarija	75	TAC analitika	
Rumanija	75	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika.	
Unjoni	150 (*)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	857		

(*) Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju 2022 ma għandha tkun permessa l-ebda attività tas-sajd, inkluż it-trażbord, iż-żamma abbord, ħatt l-art u l-ewwel bejgħ.